

Brussell, 8 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10249/23

ENFOPOL 269
ENFOCUSTOM 66
COSI 106
CULT 71
JAI 789

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Ġunju 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9387/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali – Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Ġunju 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3995 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Ġunju 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
dwar il-ġlieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali

IL-KUNSILL TAL-UE,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025¹, u l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025²,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ tal-UE għall-Wirt Kulturali f'konflitti u kriżijiet³, kif adottati fl-2021,

WARA LI KKUNSIDRA r-Riżoluzzjonijiet 2253, 2199, 2462 u 2347 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, li jinnutaw bi tħassib serju li l-organizzazzjonijiet terroristiċi jiġġeneraw introjtu mit-traffikar ta' beni kulturali, u r-Riżoluzzjoni tal-2018 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-ġhoti lura jew ir-restituzzjoni ta' proprjetà kulturali lill-pajjiżi ta' oriġini,

WARA LI KKUNSIDRA r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2019 dwar talbiet ta' restituzzjoni transfruntieri ta' opri tal-arti u beni kulturali misruqa waqt kunflitti armati u gwerer,

FILWAQT LI JILQA' BI PJACĪR il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Beni Kulturali⁴, li huwa pass importanti fil-ġlieda kontra dan il-fenomeni u li l-Istati Membri jixtiequ jibnu aktar fuqu,

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM/2020/605 final.

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025, COM/2021/170 final.

³ 9837/21.

⁴ 16107/22.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li t-traffikar ta' beni kulturali huwa negozju li jħalli l-qliġh għall-kriminalità organizzata u għandu impatt devastanti u irriversibbli fuq il-wirt kulturali fl-UE u lil hinn minnha, u għalhekk jeħtieġ rispons imfassal apposta fil-livell tal-UE,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li norganizzaw ir-rispons tagħna madwar prevenzjoni u identifikazzjoni mtejba tal-kriminalità mill-parteciċipanti fis-suq u l-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali, ta' infurzar tal-liġi u kapaċitajiet ġudizzjarji aktar b'saħħithom, kooperazzjoni internazzjonali aħjar u appoġġ akbar ta' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra, kif propost fil-Pjan ta' Azzjoni mill-Kummissjoni,

Il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tat-traffikar ta' beni kulturali mill-parteciċipanti fis-suq u mill-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-parteciċipanti fis-suq tal-beni kulturali, il-kollezzjonisti u l-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jgħinu fil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' reati kriminali relatati ma' beni kulturali, u għalhekk jeħtieġ li jkunu konxji tal-leġislazzjoni applikabbli u għodod oħra mhux leġislattivi li għandhom l-għan li jipprevjenu u jidentifikaw tali reati kriminali,

KONXJU li l-leġislazzjoni kummerċjali tal-UE għandha rwol importanti fil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tat-traffikar ta' beni kulturali minħabba n-natura tipikament transfruntiera tagħha,

MADANKOLLU JINNOTA li l-iskrutinju u l-kontroll tal-kummerċ ta' beni kulturali jistgħu jvarjaw ħafna fis-suq uniku nnifsu fejn għandha titjeb it-traċċabbiltà,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li sidien jew maniġers ta' kollezzjonijiet pubbliċi u privati jieħdu miżuri volontarji biex jipproteġu lilhom infushom aħjar minn reati kriminali kontra l-proprjetà, billi jikkatalogaw bir-reqqa l-kollezzjonijiet tagħhom pereżempju billi jużaw għodod eżistenti bħall-Object-ID tal-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet (ICOM), u permezz ta' rappurtar aħjar ta' reati kriminali kontra l-proprjetà sabiex proprjetà kulturali misruqa tidher malajr u b'deskrizzjoni dettaljata f'bażijiet tad-data nazzjonali tal-arti misruqa u fil-Bażi tad-Data tal-Interpol dwar l-Opri tal-Arti Misruqa,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza kruċjali tal-investigazzjoni tan-networks kriminali u l-flussi ta' flus illeċiti wara l-każijiet individwali ta' traffikar kif ukoll fil-fatt li anke beni kulturali akkwistati legalment jistgħu jintużaw ħażin minn kriminali għal reati kriminali bħall-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu,

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġudikatura

FILWAQT LI JINDIKA li l-istampa tal-intelligence attwali ma tirriflettix b'mod adegwat il-prevalenza u l-ambitu tat-traffikar tal-beni kulturali,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtieġ li jkollhom fehim adegwat tal-modus operandi tal-kriminali, jikkondividu l-informazzjoni, ikunu konxji tar-rekwiżiti ta' kooperazzjoni fl-aġenziji stess u bejniethom u jużaw għodod speċifiċi, inkluż teknoloġiji moderni bħal software għar-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni ta' flussi illegali ta' proprjetà kulturali jew hardware ta' sorveljanza biex jiġu protetti siti importanti,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-ħtieġa ta' skambji u kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet nazzjonali speċjalizzati li jittrattaw dan il-qasam ta' kriminalità,

FILWAQT LI JINNOTA li t-traffikanti ta' beni kulturali jibbenefikaw minn kriminalizzazzjoni mhux uniformi ta' reati rilevanti madwar l-UE,

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-massimizzazzjoni tal-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-valur tal-wirt kulturali għas-soċjetà u l-vulnerabbiltà tiegħu għall-ħsara kriminali f'reġjuni ta' kunflitt u kriżi,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat il-wirt kulturali f'żoni ta' kunflitt, b'mod partikolari s-sitwazzjoni speċifika tal-Ukrajna li titlob azzjoni biex jiġi ssalvagwardjat il-wirt kulturali Ukren fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-għarfien pubbliku limitat tal-ħsara li t-traffikar ta' beni kulturali jista' jġib miegħu,

**JILQA' B'SODISFAZZJON IL-PJAN TA' AZZJONI TAL-KUMMISSJONI U JISTIEDEN
LILL-KUMMISSJONI BIEX TIMPENJA RUĦHA FL-AZZJONIJIET LI ĠEJJIN:**

1. Tniedi djalogu mas-suq tal-arti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNESCO, dwar il-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni u l-kummerċ ta' beni kulturali fis-suq uniku, inkluż avveniment ta' livell għoli fl-2023;
2. Tiżviluppa u tistabbilixxi s-sistema elettronika għall-importazzjoni ta' beni kulturali fl-Unjoni (is-"sistema ICG") u testendiha sabiex tittratta wkoll l-esportazzjoni ta' beni kulturali, abbażi tal-konklużjonijiet ta' studju tal-fattibbiltà li twettaq;
3. Tkompli tiffinanzja l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet biex jitjiebu t-traċċabbiltà u l-identifikazzjoni ta' beni kulturali, toħroġ gwida għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' reġistri tal-bejgħ (li jkopru wkoll il-bejgħ online), li jkun fihom informazzjoni dettaljata dwar il-bejjieġ u x-xerrej, kif ukoll dwar il-beni kulturali għall-bejgħ, u jiġi propost obbligu, għal kull min iwettaq negozju ta' beni kulturali fi ħdan l-Istati Membri, li jżomm rekord tat-tranżazzjonijiet ta' beni kulturali. Għandhom jiġu esplorati modalitajiet konkreti permezz tal-istudju ta' fattibbiltà futur.
4. Tesplora miżuri għal armonizzazzjoni u interkonnessjoni madwar l-UE kollha tal-bażijiet tad-data tal-Istati Membri ta' beni kulturali misruqa – inkluż konnessjoni mal-Bażi tad-Data tal-Interpol dwar l-Opri tal-Arti Misruqa u bażijiet tad-data rilevanti oħra;
5. Tikkoopera mal-ICOM biex tippromwovi l-Kodiċi ta' Etika tal-ICOM, ittejjeb il-kapaċitajiet u tipprovdi taħriġ lill-persunal fil-mużewijiet u fl-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali f'diversi Stati Membri, sabiex jirreġistraw u jipproteġu aħjar il-kollezzjonijiet tagħhom;
6. Tidentifika u tiffaċilita kategoriji aktar uniformi għall-ġbir ta' data bl-appoġġ mill-Europol, li jista' jwassal għal ġbir ta' data fl-UE kollha permezz tal-EUROSTAT fil-futur;

7. Iżżid it-traffikar ta' beni kulturali mal-kors ta' induzzjoni għall-uffiċjali tal-korp permanenti tagħha għall-identifikazzjoni ta' kriminalità transfruntiera tal-Frontex;
8. Tivvaluta l-għodod ta' investigazzjoni diġitali eżistenti (inkluż dawk iġġinanzjati mill-Kummissjoni) u tippromwovi l-aċċess li għandhom l-Istati Membri għalihom, u tistieden lill-Bord Ewropew tal-Approvazzjoni biex jivvaluta jekk dan jistax jiġi appoġġat mill-Laboratorju tal-Innovazzjoni tal-Europol u inizjattivi oħra f'dan il-qasam;
9. Twettaq immappjar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri li tikkriminalizza t-traffikar illeċitu ta' proprjetà kulturali u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Nikosija;
10. Iżżid l-appoġġ għall-protezzjoni tal-beni kulturali tal-Ukrajna mill-qerda u s-serq u l-esportazzjoni illeċita billi tappoġġa r-reġistrazzjoni u, jekk mitluba, l-evakwazzjoni u l-protezzjoni fiżika tal-kollezzjonijiet;
11. Issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-investigazzjonijiet transfruntieri dwar il-ħasil tal-flus relatati mal-beni kulturali, b'mod partikolari billi jiġi estiż l-ambitu tal-Faċilità Globali tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus biex tkopri l-Asja u l-Amerka Latina;
12. Tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-ICOM, biex jiġi aġġornat l-Osservatorju tal-ICOM, li jiċċentralizza u jxerred informazzjoni u riżorsi għall-fehim pubbliku internazzjonali u l-orjentazzjoni politika biex jiġu protetti l-beni kulturali;
13. Tappoġġa lill-UNESCO fil-ħolqien ta' manwal għall-ġurnalisti dwar ir-rappurtar dwar reati kriminali relatati mal-wirt kulturali;
14. Tappoġġa inizjattivi ta' involviment taż-żgħażaġħ permezz ta' Ewropa Kreattiva, il-Korp ta' Solidarjetà tal-UE, u Erasmus+;

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI SABIEX:

15. Iqajmu kuxjenza biex jiżguraw li l-kollezzjonijiet pubbliċi u privati jagħmlu inventarju tal-possessjonijiet tagħhom u jirreġistrawhom f'bażijiet tad-data rilevanti u jirrappurtaw każijiet ta' reati kriminali kontra l-proprjetà lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, bl-għajnuna ta' standards u għodod miftiehma internazzjonalment (bħall-istandard ta' Object-ID, standards għal-libreriji u l-arkivji jew il-Bażi tad-Data tal-Interpol dwar l-Opri tal-Arti Misruqa);
16. Fejn ma jeżistux, jikkunsidraw jistabbilixxu u jmexxu bażijiet tad-data nazzjonali ddedikati għal beni kulturali misruqa, u jtejbu dawk eżistenti filwaqt li jikkunsidraw l-interkonnessjoni possibbli mal-bażi tad-data tal-Interpol dwar l-Opri tal-Arti Misruqa;
17. Jirrappurtaw beni kulturali misruqa lill-Interpol permezz tal-bażi tad-data tagħha dwar l-Opri tal-Arti Misruqa u jikkondividu informazzjoni dwar każijiet ta' traffikar ta' beni kulturali mal-Europol u l-Interpol u awtoritajiet kompetenti oħra biex itejbu l-istampa tal-intelligence;
18. Isaħħu l-kooperazzjoni effettiva u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali, inkluż permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, u mal-Kummissjoni⁵ permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali sabiex tiġi miġġielda l-frodi relatata mal-beni kulturali u reati kriminali oħra;
19. Jidentifikaw, jivvalutaw u jifhmu r-riskji tat-traffikar ta' beni kulturali fil-kuntest tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali tagħhom skont il-leġiżlazzjoni kontra l-ħasil tal-flus, u jadottaw miżuri adegwati biex itaffu dawn ir-riskji;
20. Iqajmu kuxjenza u joħorġu gwida lis-settur privat dwar kif l-aħjar jikkonforma mal-obbligi tagħhom biex jipprevjenu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti;

⁵ Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli, ĠU L 082, 22/03/1997, p. 1 – 16.

21. Itejbu l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet marbutin b'obbligu mis-suq tal-arti u tal-antikitajiet, is-settur finanzjarju, l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtoritajiet speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi, li jistgħu jinvolvu lill-awtoritajiet doganali u lill-awtoritajiet kompetenti għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali billi jikkondividu l-għarfien u t-taħriġ dwar ir-riskji u t-tipi ta' attivitajiet illegali relatati ma' beni kulturali, filwaqt li jqisu l-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati kif ukoll billi jikkunsidraw li joħlqu sistema ta' twissija apposta jew profili tar-riskju meta jkunu involuti l-beni kulturali bħala parti minn tranżazzjonijiet finanzjarji, wegħdiet, self jew bonds;
22. Jinkoraġġixxu l-osservanza tal-obbligu ta' diliġenza dovuta u t-trasparenza tat-tranżazzjonijiet f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Etika għan-Negozjanti fil-Proprietà Kulturali tal-UNESCO u l-Kodiċi ta' Etika tal-ICOM;
23. Jimmassimizzaw il-potenzjal ta' EMPACT għal każijiet ta' traffikar ta' beni kulturali, inkluż dwar investigazzjonijiet dwar in-networks kriminali u l-flussi ta' flus illeċiti involuti;
24. Jieħdu vantaġġ sħiħ mill-appoġġ u l-għarfien espert tal-Europol kif ukoll tal-Eurojust għall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera;
25. Jipprovdu, jekk jitqies li hu meħtieġ, bini adegwat tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji, pereżempju billi jistabbilixxu u jħarrġu unitajiet speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi u gruppi speċjalizzati ta' prosekuturi, u billi jipprovdu taħriġ bażiku għall-uffiċjali tal-pulizija, tad-dwana u tal-gwardja tal-fruntiera involuti fil-kontrolli ta' rutina;
26. Jikkunsidraw li jikkonkludu memoranda ta' qbil bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi u l-istituzzjonijiet rilevanti tal-wirt kulturali biex ikunu żgurati l-ġestjoni u l-ħżin adegwati ta' beni kulturali sekwestrati jew konfiskati;

27. Jikkunsidraw l-iffirmar, ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Nikosija tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Reati relatati mal-Proprietà Kulturali, jew l-implimentazzjoni tal-prinċipji tagħha fejn dan jitqies aktar xieraq;
28. Jikkunsidraw l-iffirmar u r-ratifika tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u ta' Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illeċiti tas-Sjieda tal-Proprietà Kulturali, u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995 dwar Beni Kulturali Misruqa jew Esportati Illegalment;
29. Jesploraw miżuri biex jirritornaw oġġett misruq lis-sid leġittimu irrispettivament mill-preskrizzjoni għar-responsabbiltà kriminali;

IĦEĠĠEĠ LILL-ISTATI MEMBRI, F'KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI, SABIEX:

30. Jappoġġaw it-tisħiħ u l-kontinwità tan-network EU CULTNET biex jintuża l-potenzjal sħiħ tiegħu, inkluż billi jiġi ssekondat persunal adatt sabiex jinholq punt ta' kuntatt għal EU CULTNET fil-Europol bl-għan li jikkoordina attivitajiet konġunti, jikkoordina ma' atturi internazzjonali u jikkontribwixxi għall-ħidma operazzjonali u strateġika fil-għieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali, u billi jiġu żviluppati miżuri komuni bħat-titjib tal-aċċess rapidu tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-għarfien espert meħtieġ mill-arkeologi jew il-professionisti tal-wirt kulturali; għandu jiġi previst finanzjament fit-tul tal-punt ta' kuntatt;
31. Ikompli jwettqu l-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ tal-UE għall-Wirt Kulturali f'konflitti u krizijiet⁶ u jkompli jissorveljaw il-progress miksub;
32. Jimplimentaw ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 billi jappoġġaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-professionisti tal-wirt kulturali u l-awtoritajiet kompetenti għall-għieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali permezz ta' sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma u attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari;

⁶ 9837/21

33. Jistabbilixxu network ta' professjonisti tal-wirt kulturali u arkeologi li jkunu kapaċi jipprovdu għarfien espert biex jgħinu fl-investigazzjonijiet kriminali u jibbenefikaw mill-koordinazzjoni mill-punt ta' kuntatt ta' EU CULTNET fil-Europol; u l-involviment, fejn rilevanti, fil-qafas ta' EMPACT. Il-Kummissjoni hija mistiedna tappoġġa n-network kif xieraq;
34. Jikkunsidraw il-ħolqien ta' magna tat-tiftix speċifika biex jiġi identifikat it-traffikar ta' beni kulturali, jew possibbiltajiet biex jiġu kkombinati kapaċitajiet tal-IT/bażijiet tad-data eżistenti, f'kooperazzjoni mal-Laboratorju tal-Innovazzjoni tal-Europol, wara opinjoni pożittiva tal-Bord Ewropew tal-Approvazzjoni tal-Laboratorju tal-Innovazzjoni, sabiex jiġi stabbilit strument tal-IT komprensiv għall-analiżi ta' oġġetti kulturali kummerċjalizzati;
35. Filwaqt li jqisu b'mod debitu l-ħidma li għaddejja f'dan il-qasam, jikkunsidraw ir-rwol tat-tokens mhux funġibbli (NFT) fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali, speċjalment fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li jinvolve opri tal-arti diġitali;
36. Isegwu u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet f'dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill wara ħames snin mill-adozzjoni.
-